MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2002

Numru 538/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur David Saliba/
Spettur Neville Xuereb)
**Vs**
**Ali Baruni**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ali Baruni bin Aziz u Gamira xebba Abdu imwieled Tripoli data tad-twelid 11 ta’ Dicembru 1978 u li ma ghandux indirizz fiss f’Malta, izda li kien joqghod gewwa Camilleri Guest House, f’ Tas-Sliema. Numru tal-passaport mhux maghruf.

Talli fil- lejl ta’ bejn it-03 u l-04 ta’ Mejju 2002 f’Tas-Sliema matul il-lejl, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom mobile phone, hwejjeg, flus kontanti u oggetti ohra li l-valur taghhom jecceddu s-somma ta’ mitt lira Malti (LM 100) izda anqas minn elf lira Maltin (LM 1,000) ghad-

dannu ta’ Joseph Scicluna minn Tas-Sliema liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, hin u lok.

U aktar talli f’Malta, fl-istess zminijiet u cirkostanzi xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U aktar talli ma jistax juri li ghandu mezzi sabiex imantni lilu nnifsu u ghalhekk jista’ jkun ta’ spiza addebitata lil-fond pubbliku.

Rat li fis-seduta tal-05 ta’ Lulju 2002l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih

Issibu hati.

Rat l-artikolo 261, 267,270, 269 tal-Kapitolu 9 kif wkoll l-arikolu 28A ta’ l-istess Kapitolu u l-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante il-kondotta nadifa ta’ l-akkuzat qed tapplika l-ahhar imseemi artikolu 28 A tal-Kapitolu 9.

Tikkundana lil- imputat ghall-sitt (6) xhur prigunerija, liema sentenza m’ghandhiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat ma jghamel reat iehor soggett ghall-piena ta’ prigunerija fi zmien sentejn (2) mil-lum.
Rat it-talba tal-prosekuzzjoni ‘a tenur’ ta’ artikolu 15 tal-tal-Kap 217, tilqagha u tordna l-hrug ta’ ordni ta’ tnehhija kontra l-hati.

(ft) Dr. Joseph Cassar

MAGISTRAT

--------------------------------TMIEM--------------------------------